# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 08 ta' Frar 2021**

**Talba Nru. 85/2020 JG**
**Numru fuq il-Lista: 2**

**Michael Attard Imports Ltd (C 34433)**

**Vs**

**Josephine Cutajar (ID 243674(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-11 ta' Mejju, 2020, permezz ta' liema, s-soċjetá talbet lil dan it-Tribunal sabiex il-konvenuta tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' elf, sitt mija u sebgħa u tletin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€1,637.26)

rappreżentanti importa ta' ħdax-il kambjala skaduti, aċċettati u firmati mill-konvenuta[1]. Intalbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax.

Ra dak reġistrat fil-verbal tad-29 ta' Settembru 2020[2];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[3];

Ra dak reġistrat fil-verbal tas-26 ta' Novembru 2020, fejn għar-raġunijiet hemm miġjuba l-konvenuta ġiet dikjarata li waqgħet fi stat ta' kontumaċja[4];

Sema' x-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tas-soċjetá attriċi[5];

Ra dak reġistrat fis-seduta tallum stess, fejn is-soċjetá attriċi talbet li tingħata sentenza.

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie indikat fl-ewwel parti ta' din id-deċiżjoni, l-konvenuta naqset milli ssegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġiet dikjarata li kienet waqgħet fi stat ta' kontumaċja. Meta ngħatat l-

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A fol 7.
[3] A fol 9.
[4] A fol 10.
[5] Seduta tat-28 ta' Jannar 2021

opportunitá biex tiġġustifika tali nuqqas, reġgħet kienet inadempjenti u baqgħet hekk ommissiva.

Illi t-Tribunal ħa nota tal-kambjali li ġew eżebiti mir-rappreżentant tas-soċjetá attriċi[6] . Ra li effetivament, il-ħdax il-kambjala mertu ta' din it-talba jammontaw għal €1639.22, għalkemm it-talba magħmula fl-Avviż hija ta' €1,637.26. Huwa dan l-aħħar ammont li sejjer jittieħed in kunsiderazzjoni.

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappresentant tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa t-talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' elf, sitt mija, sebgħa u tletin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€1637.26) bl-imgħax mill-iskadenza tad-data ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[6] A fol 14 *et seq.*